


# Żvilupp fir-raħal f'dawn l-aħħar 60 sena

## IL-ĦOFRA

Iktar minn 60 sena ilu, l-pjazza ta' quddiem il-knisja l-ġdida konna nsibuha bħala l-ħofra u forsi għal din ir-raġuni aħna n-nies t'Għajnsielem konna magħrufin bħala "Tal-Ħofra". Din il-ħofra kienet testendi minn tliet kwarti tal-pjazza għan-nofs it-Triq Fawwara sa taħt il-bridge ta' Passi.

Iżda din il-ħofra kienet providenzjali. Meta l-perit Ugo Mallia għażel il-post fejn kellha tinbena l-knisja, l-Għajnselmiżi ma qablux għax irraġunaw li ma kienx se jkollhom pjazza sabiħa għall-knisja monumentali bħal din.

Il-perit Ugo stqarr li kieku kull binja kbira li jiġi mqabbad biex jagħmel, kien jippreferi li jkollu ħofra bħal dik biex fiha jkun jista' jintrema l-materjal bla użu fiha. Iż-żmien ta raġun lill-perit għaliex fil-ħofra beda jintrema l-materjal ta' kull għamla, qabel, terrapien, ramel li kien jitħammel mill-port ta' l-Imġarr, u kull ħaġa oħra li żmiena jkun għadda. Bil-ftit il-ftit il-pjazza bdiet timtela sakemm imtliet għal kollox u llum il-ġurnata nistgħu ngħidu li hi l-ikbar pjazza ta' Malta u Għawdex. Biex inkunu għedna kollox, minn taħt il-pjazza għaddej kanal imsaqqaf biex minnu jgħaddi l-ilma tax-xita għal ġol-wied.

## IL-PJAZZA TAD-DEHRA

Sa aktar minn 60 sena ilu din iż-żona konna nsibuha 'TAĦT IĊ-ĊAWSLI" għar-raġuni li hawnhekk kien hemm ħafna siġar kbar taċ-Ċawsli li minn taħthom kien jgħaddi l-wied. Dan kien post imfittex ħafna speċjalment fil-ġranet tas-Sajf għad-dell tas-siġar u għal-logħob tat-tombla. Hawnhekk kienet ukoll tinsab l-Għajn li b'nuqqas ta' ħsieb ġiet imwaqqa' biex issir il-pjazza. Dak iż-żmien il-purċissjoni tal-festa u oħrajn sekondarji kienu jgħaddu mal-ħajt ta' Lina ta' Nikol. L-ewwel xogħol li sar kien li nqatgħu is-siġar kollha, tneħħa d-

*debris*, ġebel u skart ieħor, twaqqgħet l-Għajn, issaqqaf il-wied u mbagħad saret il-pjazza (mhux kif inhi llum), twessgħu t-toroq ta' madwarha u anke ġiet irranġata t-triq li tieħu għat-triq ta' Simirat. Iktar reċenti saret il-*playing field* u rikostruzzjoni mill-ġdid tal-pjazza kif inhi llum.

## IL-BENEFIZZJU TA' SAN MIKIEL

Dan il-benefizzju kien propjetà ta' ċertu kjerku Malti Piju Gauci. Sa ftit ta' żmien ilu meta xi ġuvni jkun qed jistudja għal saċerdot, il-familjari tiegħu kienu jaħsbu biex jitolbulu xi binja jew biċċa art biex mir-renta li jdaħħal minnhom jkollu l-għixien tiegħu.

Issa dan il-benefizzju kien ikopri mill-pjazza sa triq l-Imġarr, u donnu kien maħluq biex fuqu jinbnew binjiet kbar kif ser naraw.

L-ewwel binja li nbniet fuq din l-art kienet propju l-knisja monumentali tagħna fuq stil gotika Lombardo, bil-pjazza b'kollox. Niftakar il-knisja għadha xi erba' filati l-fuq mill-pedament, mimlija xewk, ħaxix ħażin u ġebel tal-bini. Aħna t-tfal konna mmorru nilgħabu ġo fiha, naqbżu minn kolonna għall-oħra għax kienet mitluqa.

It-tieni binja li ħadet postha fuq dan il-benefizzju kien l-Istitut ta' San Ġuzepp il-ġdid. Dan l-Istitut sar fuq pjanta tal-perit Ġuzi D'Amato u nbena mill-imgħallem bennej Ġużepp Vella "Tal-Malla" mix-Xewkija. Niftakar lil ċertu Mario, Malti li kien ġie biex jintornja l-kolonni u niftakar ukoll meta r-Reġina Elizabetta II, allura kienet għadha Prinċipessa, meta kienet żaret dan il-bini biex tara x-xogħol.

It-tielet binja kienet l-iskola Primarja fuq pjanta ta' Joseph Huntingford.

Ir-raba' binja huwa l-kunvent tas-Sorijiet Agostinjani fuq pjanta tal-perit Joseph Dimech.

Il-ħames u s-sitt binja huma l-aktar riċenti li nbnew i.e. il-każin tal-banda San Ġużepp u l-każin



t' Għajnsielem F.C. Tela anke ħafna bini privat.

Sa sittin sena ilu, apparti l-knisja l-ġdida, dan il-benefizzju kien jinħadem minn diversi bdiewa u llum sar ċentru li kulħadd ifaħħru. Irrid ngħid ukoll illi fi tfuliti il-Gudja, Tal-Kaxxa, ta' Cordina fejn it-Torri ma kontx tara ħlief siġar tal-ħarrub, zkuk tal-bajtar u ħitan tas-sejjieħ.

B'din id-daqqa t' għajn ħafifa ippruvajt nuri l-iżvilupp kbir li sar fir-raħal pittoresk tagħna, Għajnsielem

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

***Mons. Ġużepp Zerafa***

